



Brussell, 2 ta' Ġunju 2026  
(OR. en)

6357/26

**LIMITE**

**RELEX 217  
CFSP/PESC 241  
CSDP/PSDC 92  
EPF AM 9  
COPS 94  
POLMIL 80  
EUMC 59  
CSC 117**

**ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi biex tappoġġa l-Forzi Armati Eġizzjani

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2026/...**

**ta' ...**

**dwar miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi  
biex tappoġġa l-Forzi Armati Eġizzjani**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1) u l-Artikolu 41(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/509<sup>1</sup> tistabbilixxi l-Faċilità Ewropea għall-Paċi (EPF) għall-finanzjament mill-Istati Membri tal-azzjonijiet tal-Unjoni fil-qafas tal-politika estera u ta' sigurtà komuni biex tinżamm il-paċi, jiġu prevenuti l-konflitti u tissaħħaħ is-sigurtà internazzjonali skont l-Artikolu 21(2), il-punt (c), tat-Trattat. B'mod partikolari, skont l-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509, l-EPF trid tintuża biex tiffinanzja miżuri ta' assistenza bħal azzjonijiet biex jissaħħu l-kapaċitajiet ta' Stati terzi u organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali b'rabta ma' kwistjonijiet militari u ta' difiża.
- (2) L-Istrateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni tal-2016 tistabbilixxi l-oġettivi tat-tisħiħ tas-sigurtà u d-difiża, l-investiment fir-reżiljenza tal-Istati u s-soċjetajiet lejn in-Nofsinhar tal-Unjoni, l-iżvilupp ta' approċċ integrat għall-konflitt u l-kriżijiet, inkluż id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali.
- (3) Fil-21 ta' Marzu 2022, il-Kunsill approva l-Boxxla Strateġika bl-oġettiv li l-Unjoni ssir fornitur tas-sigurtà aktar b'saħħtu u aktar kapaċi, inkluż permezz ta' użu akbar tal-EPF b'appoġġ għall-kapaċitajiet ta' difiża tas-sħab.
- (4) Id-Disa' Kunsill ta' Assoċjazzjoni, f'Ġunju 2022, ġedded il-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Eġittu bl-adozzjoni tal-Prijoritajiet tas-Sħubija UE-Eġittu (2021-2027) li jistabbilixxu l-qafas politiku sal-2027.

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/509 tat-22 ta' Marzu 2021 li tistabbilixxi Faċilità Ewropea għall-Paċi, u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2015/528 (ĠU L 102, 24.3.2021, p. 14, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2021/509/oj>).

- (5) Fis-17 ta' Marzu 2024, ġiet iffirmata Dikjarazzjoni Konġunta biex titnieda Sħubija Strateġika u Komprensiva mal-Eġittu. Wieħed mis-sitt pilastri ewlenin tad-Dikjarazzjoni Konġunta huwa ffukat fuq il-kooperazzjoni fil-qasam tas-sigurtà.
- (6) Fit-22 ta' Ottubru 2025, l-Unjoni u l-Eġittu kellhom l-ewwel Summit tal-Mexxejja tagħhom, li reġa' kkonferma r-rieda reċiproka li jkomplu d-djalogu u l-kooperazzjoni f'oqsma ta' prijorità komuni fil-qasam tal-Paċi, is-Sigurtà u d-Difiża, b'has-sigurtà reġjonali u marittima.
- (7) Fit-13 ta' Jannar 2026, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà rċieva talba mill-Eġittu biex l-Unjoni tassisti lill-Forzi Armati Eġizzjani fl-akkwist ta' tagħmir ewlieni biex iżidu l-kapaċitajiet tagħhom sabiex jiżguraw is-sigurtà marittima u biex jikkontribwixxu għall-modernizzazzjoni tagħhom u żieda fl-interoperabbiltà mal-istandards tal-Unjoni u tan-NATO.

- (8) Il-miżuri ta' assistenza għandhom jiġu implimentati billi jitqiesu l-prinċipji u r-rekwiżiti stipulati fid-Deċiżjoni (PESK) 2021/509 b'mod partikolari f'konformità mal-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK<sup>2</sup>, u skont ir-regoli għall-implimentazzjoni tad-dħul u n-nefqa ffinanzjati taħt l-EPF. Il-Kunsill ifakkar f' miżuri restrittivi rilevanti, b'mod partikolari dawk imposti permezz tar-risoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti u tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1333<sup>3</sup> u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/44<sup>4</sup>.
- (9) Il-Kunsill jafferma mill-ġdid id-determinazzjoni tiegħu li jipproteġi, jippromwovi u jirrealizza d-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali u l-prinċipji demokratiċi u li jsaħħaħ l-istat tad-dritt u l-governanza tajba, f'konformità mal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, mad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u mad-dritt internazzjonali, b'mod partikolari d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

<sup>2</sup> Il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK tat-8 ta' Diċembru 2008 li tiddefinixxi regoli komuni li jirregolaw il-kontroll ta' esportazzjonijiet ta' teknoloġija u tagħmir militari (ĠU L 335, 13.12.2008, p. 99, ELI: <http://data.europa.eu/eli/compos/2008/944/oj>).

<sup>3</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1333 tal-31 ta' Lulju 2015 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja, u li tħassar id-Deċiżjoni 2011/137/PESK (ĠU L 206 1.8.2015, p. 34, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2015/1333/oj>).

<sup>4</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 204/2011 (ĠU L 012 19.1.2016, p. 1, ) ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2016/44/oj>).

*Artikolu 1*

*Stabbiliment, objettivi, kamp ta' applikazzjoni u durata*

1. Hija b'dan stabbilita miżura ta' assistenza li jibbenifika minnha l-Eġittu (il-"benefiċjarju") li għandha tiġi ffinanzjata mill-Faċilità Ewropea għall-Paċi (EPF) (il-"miżura ta' assistenza").
2. L-objettivi tal-miżura ta' assistenza huma dawn li ġejjin:
  - (a) li tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-Eġittu fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża;
  - (b) li tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet militari u ta' difiża ġenerali tal-Forzi Armati Eġizzjani;
  - (c) li tissaħħaħ is-sigurtà u l-istabbiltà nazzjonali tal-Eġittu kif ukoll il-protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili.
3. Biex jintlaħqu l-objettivi stipulati fil-paragrafu 2, il-miżura ta' assistenza għandha tiffinanzja t-tipi ta' tagħmir li ġejjin mhux imfassla biex iwasslu forza letali:
  - (a) tagħmir ta' protezzjoni u ta' detezzjoni għall-Flotta Navali Eġizzjana;
  - (b) tagħmir ta' loġistika u ta' komunikazzjoni għall-Forza tal-Ajru Eġizzjana.Il-miżura ta' assistenza għandha tiffinanzja wkoll provvisti u servizzi relatati, inkluż taħriġ tekniku, fejn meħtieġ.
4. Id-durata tal-miżura ta' assistenza għandha tkun ta' 36 xahar mid-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

## *Artikolu 2*

### *Arranġamenti finanzjarji*

1. L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-miżura ta' assistenza għandu jkun ta' EUR 20 000 000.
2. In-nefqa kollha għandha tiġi ġestita f'konformità mad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509 u skont ir-regoli għall-implimentazzjoni tad-dħul u n-nefqa ffinanzjati taħt l-EPF.

## *Artikolu 3*

### *Arranġamenti mal-benefiċjarju*

1. Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"Rappreżentant Għoli") għandu jagħmel l-arranġamenti meħtieġa mal-benefiċjarju biex jiżgura l-konformità tiegħu mar-rekwiżiti u l-kundizzjonijiet stabbiliti minn din id-Deċiżjoni bħala kundizzjoni għall-għoti ta' appoġġ skont il-miżura ta' assistenza.
2. L-arranġamenti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu dispożizzjonijiet li jobbligaw lill-benefiċjarju jiżgura:
  - (a) il-konformità tal-unitajiet tal-Forzi Armati Eġizzjani appoġġati skont il-miżura ta' assistenza mad-dritt internazzjonali rilevanti, b'mod partikolari d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali;

- (b) l-użu xieraq u effiċjenti ta' kwalunkwe assi pprovduti skont il-miżura ta' assistenza għall-finijiet li għalihom ikunu ġew ipprovduti;
  - (c) il-manutenzjoni suffiċjenti ta' kwalunkwe assi pprovduti skont il-miżura ta' assistenza biex tiġi żgurata l-użabilità tagħhom u d-disponibbiltà operazzjonali tagħhom matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom;
  - (d) li kwalunkwe assi pprovduti skont il-miżura ta' assistenza ma jintilfux jew ma jiġux ittrasferiti lil persuni jew entitajiet għajr dawk identifikati f'dawk l-arranġamenti.
3. L-arranġamenti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu dispożizzjonijiet dwar is-sospensjoni u t-terminazzjoni tal-appoġġ skont il-miżura ta' assistenza f'każ li l-benefiċjarju jinstab li jkun kiser l-obbligi stabbiliti fil-paragrafu 2.

#### *Artikolu 4*

#### *Implimentazzjoni*

1. Ir-Rappreżentant Għoli għandu jkun responsabbli li jiżgura l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni f'konformità mad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509, u skont ir-regoli għall-implimentazzjoni tad-dħul u n-nefqa ffinanzjati taħt l-EPF, u mal-Qafas Metodoloġiku Integrat għall-valutazzjoni u l-identifikazzjoni tal-miżuri u l-kontrolli meħtieġa għall-miżuri ta' assistenza taħt l-EPF.
2. L-implimentazzjoni tal-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 1(3) ta' din id-Deċiżjoni għandha titwettaq minn Défense Conseil International.

## Artikolu 5

### Monitoraġġ, kontroll u evalwazzjoni

1. Ir-Rappreżentant Għoli għandu jimmonitorja l-konformità mill-benefiċjarju mal-obbligi stipulati fl-Artikolu 3. Dak il-monitoraġġ għandu jintuża biex jipprovdi għarfien tal-kuntest u tar-riskji ta' ksur tal-obbligi stipulati fl-Artikolu 3, u biex jikkontribwixxi għall-prevenzjoni ta' tali ksur, inkluż ksur tad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali mill-unitajiet tal-Forzi Armati Eġizzjani appoġġati skont il-miżura ta' assistenza.
2. Il-kontroll ta' wara t-trasportazzjoni tat-tagħmir u tal-provvisti għandu jiġi organizzat kif ġej:
  - (a) verifika tal-konsenja, fejn iċ-ċertifikati tal-konsenja tal-EPF għandhom jiġu ffirmati mill-forzi tal-utent aħħari mat-trasferiment tas-sjieda;
  - (b) rapportar, fejn il-benefiċjarju għandu jirrapporta fuq bażi annwali dwar l-attivitajiet li jkunu saru bit-tagħmir, il-provvisti u s-servizzi provduti skont il-miżura ta' assistenza, u dwar l-inventarju ta' oġġetti deżinjati sakemm tali rappurta ma jitqiesx aktar meħtieġ mill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS);
  - (c) żjarat fuq il-post, fejn malli jintalab dan, il-benefiċjarju għandu jagħti aċċess lir-Rappreżentant Għoli u lill-awdituri tal-EPF biex iwettqu verifiki fuq il-post u awditi tal-EPF.
3. Ir-Rappreżentant Għoli għandu jwettaq evalwazzjoni finali mat-tlestija tal-miżura ta' assistenza biex jiġi vvalutat jekk il-miżura ta' assistenza kkontribwietx biex jintlaħqu l-oġġettivi stipulati fl-Artikolu 1(2).

## *Artikolu 6*

### *Rapportar*

Matul il-perjodu ta' implimentazzjoni, ir-Rappreżentant Għoli għandu jipprovdi lill-KPS rapporti ta' kull sitt xhur dwar l-implimentazzjoni tal-miżura ta' assistenza, f'konformità mal-Artikolu 63 tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509. L-amministratur għall-miżuri ta' assistenza għandu jinforma regolarment lill-Kumitat tal-Faċilità stabbilit bid-Deċiżjoni (PESK) 2021/509 dwar l-implimentazzjoni tad-dħul u n-nefqa f'konformità mal-Artikolu 38 ta' dik id-Deċiżjoni, inkluż billi jipprovdi informazzjoni dwar il-fornituri u s-sottokuntratturi involuti.

## *Artikolu 7*

### *Sospensjoni u terminazzjoni*

1. Il-KPS jista' jiddeċiedi li jissospendi kompletament jew parzjalment l-implimentazzjoni tal-miżura ta' assistenza f'konformità mal-Artikolu 64 tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509.
2. Il-KPS jista' jirrakkomanda li l-Kunsill itemm il-miżura ta' assistenza.

*Artikolu 8*  
*Dħul fis-seħħ*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*